TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT51/23/DS**

**Anna Aleksandrovna Nironova**

**Vs**

**K.A.T. Marketing & Consultancy Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Marzu, 2023 fejn talbet illi jiġu mneħħija s-solar films peress illi, skont hi, il-ħġieġ qiegħed jinkiser minħabba fihom, sabiex ma tkomplix issir ħsara. Hija qiegħda titlob ukoll illi tiġi riżarċita l-ammont ta' elf u ħamsa u sebghin Ewro (€1,075);

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fejn hija ċaħdet illi l-ħġieġ qiegħed jinkiser minħabba s-solar films pero' bla preġudizzju hija sostniet illi lesta tneħħi s-solar films rimanenti mill-ħġieġ tal-attriċi.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi primarjament is-soċjeta' intimata ma oġġezzjonatx għat-talba illi jitneħħew is-*solar films* minn mal-ħġieġ tal-attriċi w'għaldaqstnat, la m'hemmx kontestazzjoni dan it-Tribunal ser ikun qiegħed jilqa' t-talba u jgħaddi biex jikkunsidra t-talba biss għar-riżarċiment tal-flus.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

Illi l-punti prinċipali li għandhom jiġu kkunsidrati huma s-segwenti:

1. Jekk il-ħġieġ tar-rikorrenti hux qiegħed ifaqqa kawża tal-installazzjoni ħażina jew prodott difettuż minn naħa tas-soċjeta' intimata kif qiegħda ssostni l-attriċi jew

2. Jekk il-ħġieġ tar-rikorrenti hux qiegħed ifaqqa kawża ta' affarijiet oħra oltre installazjoni ħażina jew prodott difettuż; u

3. Jekk il-kawża m'hijiex marbuta mal-intimat, jekk l-intimat kienx fid-dover illi jinforma lill-attiriċi li dan setgħa jseħħ sabiex hija tkun tista' tieħu deċiżjoni nfurmata meta tixtri l-prodott.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi mix-xhieda mgħotija u d-dokumenti preżentati dan it-Tribunal m'huwiex moralment konvint illi l-kawża li qiegħed ifaqqa l-ħġieġ hija installazjoni ħażina jew prodott difettuż minn-naħa tas-soċjeta' intimata u dana għaliex li kieku dan kien minnu il-ħġieġ kollu kien ifaqqa fl-istess ħin għaliex kien sottomess għall-istess ammont ta' xemx *stante* li kien ħġieġ ta' l-istess bieb.

Illi anka l-fatt illi faqqgħu ħġiġiet fi żminijiet differenti turi kif il-problema m'hijiex waħda relatata mas-*solar films* jew mal-installazjoni tagħhom, dan għaliex is-*solar films* huma kollha ta' l-istess għamla u l-istallazjoni tagħhom ssir biss billi l-istess films jitwaħħlu mal-ħġieġ u l-ħġieġ ma jinqalax fil-proċess w'għaldaqstant ma jkunx hemm xi ċaqlieq fil-ħġieġ waqt l-installar.

Illi l-fatt illi l-ħġieġ kien ilu mwaħħal madwar tminn (8) snin ma jfissirx illi l-kawża diretta tat-tfaqqiegħ tal-ħġieġ hija l-installazzjoni tas-solar films. Illi waqt il-kawża ingħad mir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata illi '*thermal stress*' jiġri relattivament immedjatament wara l-installar u mhux wara xhur w'għaldaqstant ma setgħax kellu l-effett illi ġarrbet l-attriċi.

Illi għaldaqstnat dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kaġun kienet xi ħaġa oltre l-installazzjoni tas-*solar films* illi kkawżat it-tfaqqiegħ tal-ħġieġ. Is-soċjeta' intimata tinsisti illi dan kien minħabba illi l-*profiles* tal-ħġieġ kienu ssikkati wisq u b'magħmula b'mod illi ma kienx hemm lok għall-espansjoni. Filwaqt illi s-*solar films* għamlu xogħolhom u assorbew is-sħana il-ħġieġ ma kienx magħmul b'mod illi setgħa jespandi b'mod illi ma ssirx ħsara u għaldaqstant ma kienx direttament it-tort tas-soċjeta' intimata li saret il-ħsara.

Illi ta' minn jgħid ukoll illi f'Dok AAM I anness ma Dok A fl'atti, li jinkorpora l-garanzija mgħotija lill-attriċi hemm imniżżel illi "*This warranty does not apply to*

*glass breakage*" filwaqt illi f'email datata 17 ta' Mejju, 2022 is-soċjeta' intimata kienet tat-lista ta' raġunijiet illi jistgħu jikkaġunaw tfaqqiegħ tal-ħġieġ w'għaldaqstnat jidher illi kienet ben konsapevoli x'jista' jikkawża dan għalkemm ma jidhirx illi kienet tat xi spjegazzjoni dwar l-istess lill-attriċi qabel l-installazzjoni.

Illi dan it-Tribunal iħoss illi s-soċjeta' intimata naqset milli tinforma lill-attriċi dwar dawk il-fatturi illi setgħu jikkawżaw tfaqqiegħ tal-ħġieġ illi setgħu diġa' kienu preżenti meta twaħħlu s-*solar films* fuq il-ħġieġ. Għalkemm hija ma setgħetx tkun taf ħlief wara, fuq inspezzjoni tal-ħġieġ, il-possibilita u r-riskju li kien hemm kellu jiġi spjegat lill-attriċi sabiex hija tixtri l-prodott biss wara li tkun infurmata. Dan in-nuqqas huwa nuqqas illi m'għandhiex tbatieħ l-attriċi.

Illi finalment il-bieb illi fih kien hemm il-ħsara huwa dak fejn saru l-installazzjonijiet ta' 9 solar films, Invoice no. 283959 għall-prezz ta' sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€675) w'għaldaqstant din id-deċiżjoni ser tkun limitata għal dan *stante* illi l-bieb l-ieħor ma ġarrabx ħsara u wieħed ma jistgħax jissopponi illi ser iġarrab ħsara f'dan l-istadju.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi parzjalment milqugħa.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' sitt mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€675) lill-attriċi kif ukoll tordna lill-istess soċjeta tneħħi s-solar films minn mal-bibien kollha indikati mill-attriċi fi żmien gimgħa minn mindu din is-sentenza tgħaddi in gudikat.

Bl-ispejjes jibqgħu bla taxxa *stante* bejnet il-partijiet.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.
**Arbitru**